AWTORITÀ GHAS-SAHHA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGHOL
17,Triq Edgar Ferro, Pietà MSD07 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • Website: www.ohsa.org.mt

OCCUPATIONAL HEALTH & SAFETY AUTHORITY
17, Edgar Ferro Street, Pietà MSD07 - Malta
Tel: (+356) 21 247 677 • Fax: (+356) 21 232 909
Email: ohsa@gov.mt • Website: www.ohsa.org.mt

# Stqarrija għall-Media

## L-Istatistika dwar Inċidenti fuq il-Post tax-Xogħol

22.08.08

B'riferenza għar-rapporti fil-media dwar l-istqarrija ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika (NSO) dwar in-numru ta' inċidenti fuq il-post tax-xogħol minn April sa Ġunju ta' din is-sena, l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-OHSA) tixtieq għal darb'oħra tgħaddi xi kummenti ġenerali ta' kjarifika.

Fil-każ ta' korrimenti fuq il-post tax-xogħol, il-proċedura f'Malta hija li l-istatistika tkun ibbażata fuq talbiet għall-benefiċċji taħt l-Att tas-Sigurtà Soċjali li jinġabru mid-dipartiment konċernat, filwaqt li n-numru ta' fatalitajiet jinġabru mill-OHSA. Din l-informazzjoni tintbagħat lill-NSO, bħala l-entita nazzjonali responsabbli, li joħroġ stqarrija waħda olistika li tkopri ż-żewġ ċifri fuq perjodi ta' tlett xhur. Huwa minħabba dan li l-OHSA ma toħroġx stqarrijiet tagħha b'dawn iċ-ċifri wkoll sabiex ma jkun hemm l-ebda diżgwid u ma jsirx xogħol doppju.

Ta' min isemmi li peress li l-istatistika dwar in-numru ta' korrimenti tinkludi kull talba għall-benefiċċju, din tkopri kull korriment li jirrikjedi nuqqas mix-xogħol (*sick leave*) – anke jekk dan ikun ta' bejn ġurnata u tlett ijiem biss. Għalkemm huwa minnu li mhux kull inċidenti ikun rrappurtat, ikun hemm ukoll drabi fejn talbiet isiru anke jekk ma jkunx hemm inċident li seħħ fuq ix-xogħol, peress li wieħed ikun jista jieħu xi benefiċċji, u b'hekk in-numru rreġistrat ikun akbar minn dak reali.

"Fuq livell ta' statistika, perjodu ta' tlett xhur huwa meqjus bħala żgħir wisq sabiex wieħed jagħmel analiżi preċiża dwar l-istampa vera tas-sitwazzjoni jew dwar trends, u ma jippermettu l-ebda konklużjoni dwar jekk in-numru ta' korrimenti fuq ix-xogħol hux qed jiżdied jew jonqos. Fil-fatt, stqarrijiet simili ta' l-NSO għat-tlett xhur ta' qabel, juri tnaqqis fin-numru ta' korrimenti ta' 12 fil-mija għall-ewwel tlett xhur ta' l-2008, tnaqqis ta' 4.5% għall-aħħar tlett xhur tal-2007, u tnaqqis ta' 5.5% għall-perjodu ta' bejn Lulju u Settembru (f'kull każ meta mqabbel ma' l-istess perjodu tas-sena ta' qabel)" qal Dr Mark Gauci, il-Kap Eżekuttiv Ewlieni ta' l-OHSA.

Xejriet fl-istatistika jistgħu ikunu osservati l-aħjar meta wieħed jara r-rati ta' inċidenti (jiġifieri n-numru ta' korrimenti skond kull 100,000 ħaddiem), kif jidher ċar ħafna fit-tabelli ppreparati mill-OHSA skond statistika miġbura sa mit-twaqqif ta' l-istess Awtorità. L-ewwel tabella turi r-rata ta' mwiet fuq il-post tax-xogħol, waqt li t-tieni tabella turi r-rata ta' korrimenti rrapportati li seħħew fuq ix-xogħol.







"Ta' kull sena, l-OHSA tagħmel analiżi dwar ix-xejriet f'korrimenti u mwiet relatati max-xogħol fir-rapport annwali ta' ħidma tagħha, fejn wieħed jista' jsib ukoll informazzjoni dwar l-operat u l-attivitajiet ta' l-OHSA u kif jintużaw ir-riżorsi tagħha, sena b'sena, mit-twaqqif tagħha sa llum," temm jgħid Dr Gauci.

Wieħed jista jara din l-analiżi flimkien ma' rapporti dwar il-ħidma kollha ta' l-OHSA billi jżur is-sit elettroniku: http://www.ohsa.org.mt/categoryindex.asp?category=pubs_reports